


# Malta bejn żewġ sekli: L-esperjenza ta' Ħal Balzan

Carmel Bezzina



*F'din il-kitba l-awtur jagħti ħjiel tal-isfond politiku, kulturali u soċjali Malti lejn tmiem is-seklu 19 u l-ewwel snin tas-seklu 20. Jiffoka b'mod partikulari fuq ir-raħal ta' Ħal Balzan biex hekk jinftehem aħjar l-ambjent li fih twaqqaf il-Każin San Gabriel fl-1920, sewwasew 90 sena ilu.*

Fi ftuħ is-seklu 20 Malta kienet ilha mitt sena kolonja tal-Imperu Britanniku. Kienu mitt sena ta' bidliet li fihom pajjiżna beda jittrasforma ruħu u bil-mod il-mod qabad il-mixja tiegħu sakemm wasal biex ikun pajjiż sovran u indipendenti, u llum anke membru tal-Unjoni Ewropea.

## L-isfond politiku

Bħala gżira f'nofs il-Baħar Mediterran, Malta kellha importanza strateġika għall-Gvern Kolonjali Ingliż. Din l-importanza ssoktat tikber fit-tieni nofs tas-seklu 19, l-aktar wara l-ftuħ tal-Kanal tas-Suez fl-1869. Malta issa saret stazzjon ewlieni għall-flotta navali Ingliża fi triqitha lejn l-Indja. Iżda r-rabtiet li kellha Malta mal-Italja, rabtiet li kienu jmorru lura mijiet ta' snin sa minn qabel żmien l-Ordni ta' San Ġwann, ma setgħux ma jinkwetawx lill-Ingilterra, li kienet qiegħda b'seba' għajnejn ħalli tara s-sitwazzjoni kif kienet se tiżvolġi, aktar u aktar wara l-unifikazzjoni tal-Italja. Dawn ir-rabtiet ma kenux biss kulturali, lingwistiċi u reliġjużi, imma wkoll kummerċjali, u saħansitra politiċi. Il-klassi kolta u influwenti f'Malta kienet titkellem it-Taljan, li kien qisu l-ilsien uffiċjali ta' dawn il-gżejjer, għalkemm l-ilsien mitħaddet mill-maġġoranza kbira tal-Maltin kien il-Malti. Apparti l-ilsien, ir-reliġjon imħaddna mill-Maltin kienet ir-reliġjon Kattolika, u r-rabta ta' Malta ma' Ruma kellha tradizzjoni millenarja.

L-awtoritajiet kolonjali riedu jaraw kif jagħmlu biex jippenetraw u jinfdu dan il-ħajt kulturali li kien jifred lil Malta mill-Imperu ħakkiem. Dan kien ifisser li b'xi mod riedu jnaqqsu mill-influwenza tat-Taljan fl-oqsma kollha tal-ħajja Maltija, sakemm iwarrbuh min-nofs għal kollox, u floku jdaħħlu l-ilsien Ingliż li seta' jagħmilha aktar faċli li tirnexxi l-politika tal-Gvern Ingliż.[1] Din il-politika sabet reżistenza minn xi setturi tal-poplu Malti, l-aktar il-klassi legali u l-kleru, li kienu favur l-italjanità tal-gżira. Għaldaqstant il-Gvern Kolonjali ra kif għamel biex ħoloq klassi tan-nofs li seta' jistrieħ fuqha għall-appoġġ. Dan seta' jagħmlu aktar u aktar bil-bidla tat-tarzna f'dokkjard navali, fejn bdiet tifforma ruħha klassi tal-ħaddiema li kull ma jmur kienet dejjem tissaħħaħ.

It-tieni nofs tas-seklu 19 kien żmien ta' taqlib soċjali li ra l-qawmien ta' sens ta' nazzjonaliżmu. F'Malta wkoll, bħal fil-bqija tal-Ewropa, beda jinħass dan iċ-ċaqliq. Bdew jidhru wkoll l-ewwel sinjali ta' moviment tal-ħaddiema li, għalkemm fil-bidu tiegħu, beda juri ċar li kien ispirat minn ideoloġija mibnija fuq l-ugwaljanza. Biż-żmien dan kellu jhedded l-awtorità stabbilita f'Malta għal għexieren twal ta' snin. Dan il-qawmien beda jinħass l-ewwel fl-inħawi ta' madwar il-port, iżda mbagħad beda bil-mod il-mod jinfirex ukoll fl-irħula tal-kampanja meta nies minn dawn l-irħula bdew iħallu l-biedja u s-snajja' tradizzjonali u

* Carmel Bezzina twieled Ħal Balzan fl-1951. Studja fl-Università ta' Malta mnejn iggradwa B.A. fil-Malti u fl-Ingliż fl-1972 u M.A. fil-Malti fl-1979. Mill-Università ta' Bristol, l-Ingilterra, iggradwa M.Ed. fil-*Counselling* fis-sena 2003. Huwa *Senior Lecturer* u jgħallem il-lingwa u l-lingwistika Maltija fil-Junior College u fl-Università ta' Malta. Huwa membru tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM) u serva għal għadd ta' snin fl-eżekuttiv tas-Soċjetà. Awtur tal-ktieb *Saydon Biblista u Studjuż tal-Malti* (2006) u editur tal-ktieb *Ħal Balzan: 350 Sena Parroċċa 1655-2005* (2006). Għandu ħafna studji u artikli ta' riċerka dwar Ħal Balzan u l-istorja tiegħu. Fl-2008 ngħata 'Ġieħ Ħal Balzan' mill-Kunsill Lokali. L-indirizz elettroniku: carmel.b.bezzina@um.edu.mt

marru jaħdmu fid-dokkjard u madwar il-port, spalla ma' spalla ma' ħaddiema mit-Tlitt Ibliet. Fuq il-livell nazzjonali l-effett ta' dan il-moviment beda jidher fl-appoġġ li beda jingħata lir-riformi favur l-ilsien Ingliż. Kien f'dan iż-żmien ukoll li deher Manwel Dimech (1860-1921), li t-tagħlim radikali u kontroversjali tiegħu kien espressjoni ta' dan il-qawmien tal-klassi tal-ħaddiema.[2]

Kollox kien juri li s-soċjetà Maltija kienet qiegħda tinbidel, u l-mod kif il-Maltin bdew iħarsu lejn il-ħajja nbidel ukoll. L-iżviluppi ekonomiċi u soċjali li kienet għaddejja minnhom id-dinja ħallew l-impatt tagħhom ukoll fuq il-gżejjer Maltin. Kien f'dan ix-xenarju, ta' ideat u fehmiet u interessi differenti, li nibtu l-partiti politiċi f'Malta, maqsumin bejn dawk li kienu favur it-Taljan u dawk li kienu favur l-Ingliż. Fil-fatt l-elezzjoni tal-1880 kienet ikkontestata miż-żewġ gruppi politiċi li kienu jiddominaw ix-xena dak iż-żmien. Fuq naħa nsibu r-*Reform Party*, immexxi minn Sigismondo Savona (1835-1908), li bdew jissejħu r-'riformisti' u kienu favur l-Ingliż. Minn dan il-partit aktar tard ħareġ il-Partit Kostituzzjonali mmexxi minn Lord Gerald Strickland (1861-1940). Fuq in-naħa l-oħra kien hemm il-*Partito Nazionale*, ta' Dr Fortunato Mizzi (1844-1905), u aktar tard immexxi minn ibnu Nerik Mizzi (1885-1950). Dawn kienu l-'anti-riformisti' u kienu favur it-Taljan.[3]

## Il-Kwistjoni tal-Lingwa

Kien f'dan il-kuntest li nżergħet iż-żerriegħa ta' dik li fl-istorja baqgħet magħrufa bħala l-'Kwistjoni tal-Lingwa' li ħakmet ix-xena politika Maltija tul l-ewwel tletin sena tas-seklu 20. Il-problema lingwistika li Malta kienet qiegħda tħabbat wiċċha



Ritratt antik ta' Triq it-Tliet Knejjes, Ħal Balzan. Tidher il-kantuniera ma' Sqaq Nru 2, illum Triq Mons. F.S. Zahra. Id-djar pariġġ xulxin biswit it-tliet knejjes kienu għadhom ma nbnewx. Ir-ritratt juri d-diżgwid li kien hawn f'pajjiżna fl-użu tat-tliet lingwi fl-ewwel snin tas-seklu 20 fi żmien il-Kwistjoni tal-Lingwa. (Ħajr lil Michael Cassar)

magħha kienet waħda bejn tliet lingwi: il-Malti, it-Taljan, u l-Ingliż.[4]

Il-Malti kien l-ilsien tal-pajjiż, u għal sekli sħaħ kien l-ilsien waħdieni li kien jifhem u jitħaddet bih il-poplu Malti, li fil-maġġoranza tiegħu kien għadu illitterat jew semi-litterat. Dan l-ilsien qadim Semitiku, li jaf il-bidu tiegħu fiż-żmien meta Malta kellha ħakma Musulmana, jekk mhux qabel ukoll, dejjem qeda lill-Maltin fil-ħtiġijiet tal-ħajja ta' kuljum u fl-espressjoni tal-ideat u l-ħsus ta' qalbhom. Għaldaqstant il-Malti kellu importanza unika u, minkejja li kien għadu mhuwiex rikonoxxut uffiċjalment f'artu u kien għad ma kellux ortografija tiegħu, diġà kienu bdew jidhru sinjali li qajl qajl kien qed jieħu l-istatura ta' lsien miktub. L-għajta ta' Mikiel Anton Vassalli (1764-1829) mitt sena qabel, flimkien mal-kitbiet tiegħu u ta' studjużi oħrajn bħall-Kanonku Agius de Soldanis (1712-1770), bdiet tħalli l-frott. Lejn tmiem is-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20 dehru poeti u prożaturi li bil-kitbiet tagħhom urew li l-ilsien Malti kien għodda xierqa għall-espressjoni tal-ħsibijiet u s-sentimenti tal-poplu, mhux biss bil-kelma imma wkoll bil-kitba.

Fuq in-naħa l-oħra kien hemm l-ilsien Taljan, li sa minn żmien l-Ordni kellu post privileġġjat billi kien l-ilsien użat tista' tgħid fl-oqsma kollha tal-ħajja pubblika Maltija, ibda mill-qrati u l-professjoni legali, u ibqa' sejjer sal-qasam tal-edukazzjoni u l-ħajja soċjali u kummerċjali. Saħansitra l-ismijiet tat-toroq u tal-ħwienet fl-ibliet u l-irħula kienu bit-Taljan, u t-trabi ħafna drabi kienu jingħataw ismijiet bit-Taljan, anke jekk fil-ħajja ta' kuljum kienu jużaw l-ekwivalenti bil-Malti. Il-Knisja wkoll kienet tuża t-Taljan fil-korrispondenza tagħha, għalkemm il-lingwa uffiċjali tagħha u l-lingwa tal-liturġija kien għadu l-Latin.

L-ilsien l-ieħor kien l-Ingliż, li kien meqjus utli ħafna f'Malta bħala kolonja Ingliża u kien użat fl-amministrazzjoni. Meta, lejn nofs is-seklu 19, beda jikber il-kummerċ bis-saħħa tal-flotta navali u s-Servizzi, u l-Ingliżi bdew programm ta' riforma fl-amministrazzjoni ċivili u fl-edukazzjoni, anke bil-bini ta' skejjel ġodda għall-poplu Malti, l-Ingliż beda jingħata importanza kbira f'diversi setturi. Lord Strickland rewwaħ kemm felaħ biex l-ilsien Ingliż jieħu post it-Taljan fl-oqsma kollha tal-ħajja Maltija.[5]

Meta fl-1879 ir-Rapport Keenan issuġġerixxa li fl-iskejjel primarji t-tfal għandhom jitgħallmu l-Malti u, permezz tal-Malti, l-Ingliż, li għandu jkun l-ilsien tat-tagħlim fl-iskejjel,[6] infetħet beraħ il-Kwistjoni tal-Lingwa li baqgħet tkarkar prattikament sal-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija meta bdew neżlin l-ewwel bombi Taljani fuq Malta. Għaldaqstant l-ewwel snin tas-seklu 20 kienu karatterizzati minn dan

il-kunflitt bejn il-klassi professjonista u l-kleru li kienu jappoġġjaw it-Taljan fuq naħa, u l-moviment progressiv ġdid li kien jappoġġja l-Ingliż fuq in-naħa l-oħra.

Iżda l-Kwistjoni tal-Lingwa kellha għeruq aktar fondi minn kwistjoni purament lingwistika, billi magħha kien hemm marbuta l-identità tal-poplu Malti. Il-biża' ta' ħafna kien li bid-dħul tal-Ingliż Malta titlef l-identità tagħha ta' pajjiż Kattoliku, b'kultura Latina Ewropea li torbotha mal-Italja u l-kontinent, u tintilef fil-kultura Anglo-Sassona tal-Imperu Britanniku, u possibilment ukoll tibda tħaddan it-twemmin Protestant.

## Il-mixja lejn Gvern awtonomu

Dawn il-kurrenti wasslu biex, lejn tmiem is-seklu 19, beda jinħass fil-poplu Malti sens ta' għarfien nazzjonali li bil-mod il-mod wassal għall-qawmien ta' moviment għal-libertajiet ċivili. Il-poplu Malti beda jsir aktar konxju mill-identità tiegħu, mibnija fuq l-imgħoddi glorjuż ta' ġensu, u anke riflessa fil-letteratura storiko-romantika ta' dik l-epoka, li l-aqwa esponenti tagħha kienu Dun Karm (1871-1961), Ġan Anton Vassallo (1817-1868), Ġużè Muscat Azzopardi (1853-1927), il-Karmelitan Patri Anastasju Cuschieri (1876-1962), u Pietru Pawl Saydon (1895-1971). Din l-identità ssawret tul il-medda tas-snin, imsejsa fuq ir-reliġjon Kattolika u l-kultura Latina Mediterranja.

F'dan l-istess żmien ukoll il-Maltin bdew iħossu jagħfas fuqhom it-toqol tal-għoli tal-ħajja li, kulma jmur, beda jsir aktar iebes. Tajjeb li jingħad li tul is-seklu 19 l-industrija tal-manifattura ħadet daqqa ta' ħarta, u t-tkabbir tal-qoton, li sa miż-Żminijiet tan-Nofs kien iħalli qligħ tajjeb f'pajjiżna, beda jitlef l-importanza li kellu. Huwa minnu li l-Ewwel Gwerra Dinjija għal żmien qasir ikkalmat is-sitwazzjoni u ġabet perjodu ta' qawmien ekonomiku, iżda hekk kif il-gwerra ntemmet il-Maltin reġgħu ġew wiċċ imb wiċċ ma' sitwazzjoni politika u ekonomika li kienet tqila wisq biex jifilħu għaliha. Għax għalkemm fil-gwerra l-Maltin ma sofrewx wisq it-tiġrif ta' djarhom mill-bombi, batew konsegwenzi xejn inqas koroh bħall-iskarsezza tal-affarijiet essenzjali, speċjalment tal-qamħ, u l-għoli tal-prezzijiet.

Il-Maltin kienu ilhom isemmgħu l-ilmenti tagħhom, iżda meta raw li l-protesti verbali ftit li xejn swew, nhar il-25 ta' Frar 1919 laqqgħu *L'Assemblea Nazionale di Malta* biex titlob formalment li Malta tingħata Gvern awtonomu. L-Assemblea kienet immexxija minn Sir Filippo Sceberras (1850-1928), u fiha kienu rappreżentati l-istituzzjonijiet kollha, ċivili, professjonali u reliġjużi. Għalkemm l-element tal-ħaddiema fl-Assemblea ftit kien jinħass, kulma jmur il-ħaddiema kienu qed jissaħħu u jingħaqdu bejniethom f'għaqdiet li jixbhu t-*trade unions* tal-lum. Jidher ċar li ż-żewġ gruppi soċjali – il-professjonisti u l-ħaddiema – għalkemm għal raġunijiet differenti, it-tnejn kienu mdejqin bl-amministrazzjoni kolonjali. Il-qiegħa kompliet tisħon sakemm, nhar is-7 ta' Ġunju ta' dik is-sena, il-Maltin ħarġu fit-toroq tal-Belt Valletta biex jipprotestaw.

L-irvellijiet tas-*Sette Giugno* ma kinux ħlief l-espressjoni tal-weġgħat li l-poplu Malti kien qed iġarrab ħtija tas-sitwazzjoni politika u ekonomika tul l-ewwel snin tas-seklu 20.[7] Żvilupp importanti seħħ nhar l-14 t'April 1921, meta l-Gvern Britanniku qatagħha li jagħti 'l Malta parlament b'setgħat ta' tmexxija awtonoma. Il-Kostituzzjoni tal-1921 kienet pass importanti ħafna fil-mixja kostituzzjonali ta' Malta.

## Il-popolazzjoni ta' Malta

Minbarra l-iżvilupp kostituzzjonali, l-aħħar snin tas-seklu 19 u l-ewwel snin tas-seklu 20 raw ukoll qabża fil-popolazzjoni tal-pajjiż. Meta l-Kavallieri ta' San Ġwann ħallew Malta fl-1798 il-gżira kienet tgħodd madwar mitt elf ruħ. Għalkemm fl-ewwel snin tas-seklu 19 il-popolazzjoni naqqset xi ftit ir-ritmu ta' tkabbir minħabba l-pesta tal-1813, lejn nofs is-seklu kienet ta' madwar il-120,000 ruħ. Fl-aħħar kwart tas-seklu l-popolazzjoni bdiet tiżdied hekk li fis-sena 1901 telgħet għal madwar 185,000. Għaxar snin wara, jiġifieri fl-1911, il-popolazzjoni skorriet il-mitejn elf ruħ u baqgħet tielgħa 'l fuq sakemm wara t-Tieni Gwerra Dinjija kienet qabżet sew il-kwart ta' miljun.[8]

F'dan iż-żmien nosservaw ukoll ċaqliq fil-firxa tal-popolazzjoni, fis-sens li aktar nies bdew iħallu l-irħula u jmorru jgħixu fl-inħawi tal-Port il-Kbir biex isibu xogħol aħjar. Hekk, filwaqt li bejn is-snin 1842 u 1901 terz tal-popolazzjoni ta' Malta kienet tgħix fl-inħawi rurali tal-gżira u taqla' l-għajxien tagħha mill-biedja, sal-1921 dan il-proporzjon kien naqas ġmielu u kompla jiċkien sas-snin 40 tas-seklu. Mill-1871 'il quddiem ix-xogħol tal-biedja beda jonqos sew u s-snajja' lokali bdew ininu, billi ħafna Maltin bdew ifittxu opportunitajiet ta' xogħol marbutin mal-attività militari u kummerċjali fil-port jew anke impjieg stabbli mal-Gvern Kolonjali. B'effett ta' dan, żdiedet il-popolazzjoni tal-Belt Valletta, il-Furjana u l-Kottonera, kif ukoll tal-inħawi urbani tal-qrib, bħall-Ħamrun, il-Marsa, u r-Raħal il-Ġdid.

Ma nistgħux ma nsemmux ukoll il-fenomenu tal-emigrazzjoni u t-twaqqif ta' kolonji ta' Maltin fir-reġjun tal-Mediterran. Numru konsiderevoli ta' Maltin marru jgħixu f'pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq, bħat-Tuneżija, l-Alġerija, Tripli u l-Eġittu. Fl-1842 kien hemm madwar għoxrin elf emigrant Malti jgħixu

f'xi pajjiż tal-Mediterran. Dawn kienu jammontaw għal madwar tmintax fil-mija tal-popolazzjoni ta' dawn il-gżejjer. Bis-saħħa ta' dawn l-emigranti kiber il-kummerċ ta' negozjanti Maltin ma' portijiet fl-Afrika ta' Fuq. Xi setturi tal-popolazzjoni, bħal dawk li kienu jinnegozjaw id-drappijiet, it-tabakk, l-inbid, iż-żejt, il-ġlud u l-bhejjem, għamlu flus tajba anke billi bdew jissupplixxu lill-Forzi Armati Ingliżi. Fil-bidu tas-seklu 20 l-opportunitajiet tax-xogħol f'ċerti oqsma kienu tajbin, hekk li meta fl-1903 nbeda l-proġett tal-*breakwater* kellhom saħansitra jinġiebu ħaddiema mħarrġin minn Sqallija u minn Spanja.[9]

## L-għajxien u l-istil tal-ħajja tal-Maltin

Minkejja dan, il-livell tal-għajxien tal-parti l-kbira tal-Maltin kien baxx, kif jixhed l-għadd kbir ta' tallaba jittallbu fit-toroq. L-għajxien miżeru tal-Maltin kien rifless ukoll fl-ikel li kienu jieklu. Skont ma kitbu viżitaturi barranin li żaru Malta fis-seklu 19, l-ikel tal-poplu Malti kien fil-qofol tiegħu ġej mill-għelejjel tar-raba' tagħhom: ħobż tal-maħlut, ġobon, żebbuġ, basal, tewm, frott imqadded, ħut immellaħ, żejt u, meta l-istaġun tal-frott ikun f'waqtu, bettieħ, bajtar tax-xewk u ħaxix frisk. Borma minestra ma kinitx tonqos, u daqsxejn inbid kienu jixorbuha wkoll. Minkejja din il-frugalità, ikkummenta viżitatur minnhom, il-Maltin kienu



L-istatwa tal-Papa Ljun XIII armata fil-Misraħ għall-festa tal-Lunzjata fil-bidu tas-seklu 20. L-ilbies tan-nies jirrifletti l-livell tal-għajxien tan-nies tal-irħula dak iż-żmien. Ta' min jinnota wkoll il-bini li kien għad hemm fil-Misraħ, u l-isem fuq il-bieb tal-ħanut tal-inbid, miktub bit-Taljan: CAFFÈ ANNUNZIATA - VINO E SPIRITI. Il-ħanut kien iġib in-numru 163.

nies felħana u b'saħħithom. Min-naħa l-oħra, dawk li kienu tat-tajjeb kienu jieklu ikel aħjar, ftit jew wisq a la Taljana, bl-imqarrun, il-laħam u nbid ta' kwalità iprem.

Kien hemm qabża wkoll fil-ħajja soċjali tal-Maltin li jgħixu fl-irħula u dawk tal-ibliet. Il-ħajja fl-irħula kienet aktar iebsa. Meta Dr Alfredo Mattei kien qed jindirizza l-Kunsill tal-Gvern fl-1910, huwa osserva li fl-irħula l-irġiel kienu jqumu fl-erbgħa ta' filgħodu, imorru l-quddiesa, li x'aktarx kien iqaddisha l-kappillan, u jerħulha għax-xogħol lejn il-Belt jew fejn kienu jaħdmu, u hemm iqattgħu l-jum f'ħidma iebsa. Jerġgħu lura lejn id-dar fl-Ave Marija, għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija, jinġabru mal-familja, jgħidu r-Rużarju, u jidħlu jorqdu.[10] In-nies tal-irħula, fil-parti l-kbira tagħhom, kienu jaqilgħuha u jikluha, u kellhom jaqtgħu bi snienhom minn tlugħ ix-xemx sa nżulha. Qabel bdew jitwaqqfu l-każini tal-baned fl-aħħar għexieren tas-seklu 19, l-iżvog tal-irġiel fl-irħula kien li filgħaxijiet jintefgħulek fil-ħwienet tal-inbid u bejn qatra u oħra jitkellmu fuq il-kaċċa u l-insib, il-biedja, u s-snajja' li kienu jaħdmu fihom.

Id-differenza fl-istil tal-ħajja tan-nies tar-rħula u dawk tal-ibliet kienet riflessa wkoll fl-ilbies li kienu jilbsu. In-nies tal-klassi l-għolja kellhom għażla akbar ta' ħwejjeġ, magħmulin minn drappijiet fini. Kienu jgħixu fi djar aħjar u b'aktar kumditajiet, u setgħu anke jiddevertu billi jmorru xi ballu jew it-teatru. Il-kundizzjonijiet tal-ħajja marru għall-aħjar wara l-1919 u komplew jitjiebu sat-Tieni Gwerra Dinjija, meta d-differenzi bejn l-għonja u l-foqra bdew jonqsu.

## Is-servizzi soċjali u t-trasport

Il-ħajja soċjali kienet ikkundizzjonata ħafna min-nuqqas ta' servizzi fil-pajjiż. Wara nżul ix-xemx it-toroq tal-irħula, aktar milli tal-ibliet, kienu jkunu baħħ u f'xi nħawi stajt toqtol u tidfen. Il-fanali jixegħlu bil-lampi taż-żejt kienu l-uniku wens fit-toroq. Ilkoll niftakruha l-poeżija "Il-Kebbies tal-Fanali" ta' Anton Buttigieg, li fiha jfakkarna li "kull fl-għaxija kif mal-għabex tnin u tmut saħħet il-jum" kien imur Majsi bis-sellum u lill-poeta jixgħellu "taħt it-tieqa fanal ċkejken, li tal-lejl itaffi d-diqa." Fl-1857 iddaħħal id-dawl bil-gass fl-ibliet ta' madwar il-port, filwaqt li fl-irħula żdiedu l-fanali, sakemm fl-1896 beda jaħdem l-ewwel impjant għall-ġenerazzjoni tad-dawl elettriku. Minkejja dan, l-elettriku ħa ż-żmien biex wasal fl-irħula, fejn sal-Ewwel Gwerra t-toroq kienu għadhom jinxtegħlu bil-pitrolju.

It-trasport ukoll beda jiċċaqlaq tul is-seklu 19. Fl-ewwel snin tal-ħakma Ingliża l-Maltin kienu jużaw il-kaless, li kien bħal karru miġbud miż-żwiemel. Għalkemm dan il-mezz ta' trasport baqa'



Il-parti ta' Triq Idmejda qrib il-*Melita*. Ir-ritratt x'aktarx ittieħed meta Sqaq Idmejda kien għadu kemm sar triq li tasal sa Sant'Anton. Id-djar bil-parapetti bejn Triq San Valentin u Sant'Anton kienu għadhom ma nbnewx. Interessanti l-fanal bil-lampa tal-pitrolju li kien idawwal it-triq dak iż-żmien.

jintuża sa wara l-1870, ma kienx għall-but ta' kulħadd billi kien xi ftit għoli għan-nies komuni. Fl-1856 daħal l-omnibus, miġbud ukoll miż-żwiemel, li kien iġorr mas-16-il passiġġier. L-omnibus baqa' jintuża sal-aħħar għaxar snin tas-seklu 19 meta kellu jieqaf minħabba l-kompetizzjoni li beda jaffaċċja minn mezzi oħra tat-trasport. Kien hemm ukoll il-karozzin, li kien jilħaq inħawi tal-gżira li ma kinux milħuqa mill-omnibus. L-aħħar snin tas-seklu 19 u l-ewwel snin tas-seklu 20 huma karatterizzati minn żewġ mezzi oħra ta' trasport: il-ferrovija u t-tramm. Il-ferrovija bdiet is-servizz tagħha bejn il-Belt u l-Imtarfa fl-1883, filwaqt li t-tramm beda jaħdem fl-1905 u għaqqad il-Belt ma' Birkirkara, mal-bliet tal-Kottonera, u ma' Ħaż-Żebbuġ. Iżda sat-tletinijiet tas-seklu 20 kemm it-tramm kif ukoll il-ferrovija kellhom jieqfu minħabba telf finanzjarju.[11]

## Is-saħħa pubblika u l-edukazzjoni

Żewġ oqsma importanti tal-ħajja Maltija li baqgħu lura tul is-seklu 19 kienu s-saħħa pubblika u l-edukazzjoni, għalkemm lejn tmiem is-seklu bdew jidhru sinjali ta' titjib. Hekk, ngħidu aħna, fis-sena 1885 saret sistema ta' drenaġġ fl-inħawi tal-port, li biż-żmien issoktat tinfirex ma' nħawi oħra tal-gżira, u fl-1890 saru wkoll tentattivi biex titjieb l-indafa pubblika billi jitwassal l-ilma fid-djar. Sa dak iż-żmien, u anke għal xi snin wara, l-aktar fl-irħula, in-nies kienet baqgħet tuża l-għejun pubbliċi u l-bjar.



Xena tipika fl-irħula Maltin fis-seklu 19 u fl-ewwel għexieren tas-seklu 20. Ir-ritratt juri lill-aħwa Frans u Leli Mizzi, imlaqqmin Ta' Sajrunies, li kellhom ir-razzett tagħhom fil-Wied ta' Ħal Balzan. Ħafna minna għadna niftakruhom fi tfulitna joħorġu jirgħaw il-merħla tagħhom fl-inħawi tal-Iklin. (Ħajr lil Stephen Briffa)

L-edukazzjoni tal-poplu kienet fqira ħafna. Biżżejjed ngħidu li l-Kummissjoni Rjali tal-1838 iddeskriviet l-edukazzjoni fil-pajjiż bħala *'small in quantity and bad in quality'*. Il-livell baxx tal-għajxien ma kienx jagħmel il-qalb lill-ġenituri biex jibagħtu 'l uliedhom l-iskola. Is-subien kienu jintbagħtu jaħdmu ta' età żgħira ħafna biex jaqilgħu xi ħaġa tal-flus. Skont iċ-ċensiment tal-1891, tmenin fil-mija tal-irġiel ta' bejn il-45 u l-50 sena ma kinux jafu jaqraw, filwaqt li n-nisa illitterati tal-istess età kienu jlaħħqu l-ħamsa u tmenin fil-mija. Għalkemm għall-bidu tas-seklu l-ġdid kienu twaqqfu ma' Malta u Għawdex tletin skola elementari, għoxrin skola infantili, kif ukoll xi skejjel ta' billejl u skola tal-Ħadd, kien hemm il-problema tal-għalliema, li ma kinux imħarrġa tajjeb. Terġa', billi dawn ma kellhomx paga tajba ftit kienu jitħajru jaqbdu din il-professjoni.[12]

## Il-festi u l-kultura popolari tal-Maltin

Il-kultura u l-ħajja soċjali tal-poplu kienu magħġuna ħaġa waħda mar-reliġjon Kattolika, u l-Knisja kienet tiddomina tista' tgħid l-aspetti kollha tal-ħajja Maltija. Iżda minkejja li n-nies kienet tmur il-knisja bi ħġarha, l-injoranza reliġjuża fost il-poplu kienet tinħass qawwija. Aktar minn sens reliġjuż kien hawn reliġjożità popolari. Kien f'dan il-kuntest ta' tmiem is-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20 li tfaċċa Dun Ġorġ Preca (1880-1962), li b'mod profetiku fl-1907 waqqaf is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, il-MUSEUM, biex jgħallem 'l ulied il-poplu kif jgħixu twemminhom b'awtentiċità u b'konvinzjoni. Kien f'dan iż-żmien ukoll li għexu erwieħ tajba li bi qdusithom u bl-impenn tagħhom

għamlu ġid kbir lill-Knisja f'pajjiżna u li isimhom baqa' ħaj wara mewthom. Fost dawn insemmu lil Fra Diegu Bonanno, Madre Margerita De Brincat, Madre Ġużeppina Curmi, Dun Alfred Gatt, Mons. Ġużeppi De Piro, u l-Isqof Emmanuel Galea.[13]

Bħalma l-knisja parrokkjali togħla 'l fuq mid-djar tar-raħal, u t-toroq kollha b'mod jew ieħor iwasslu għaliha, hekk ukoll kienet trieġi l-ħajja soċjali, donnha l-fus li fuqu ddur il-ħajja tal-parroċċa.[14] Il-festi titulari u dawk sekondarji kellhom importanza liema bħalha u kienu tista' tgħid l-iżvog waħdieni tal-Maltin. Sal-ewwel snin tas-seklu 20 il-festi kienu għadhom isiru fil-jum liturġiku tagħhom. Dakinhar l-irġiel li jkunu tal-festa ma kinux jaħdmu. Il-festa kienet tipprovdi l-opportunità biex in-nies tar-raħal jitpaxxew bil-mużika sagra tul il-jiem tat-tridu, immexxija x'aktarx mill-*Cappella* Nani jew il-*Cappella* Bugeja, li dik il-ħabta kienu fl-aqwa tagħhom. Il-qofol tal-festa kien jintlaħaq lejlet il-festa u nharha, bil-logħob tan-nar u, qabel bdew jitwaqqfu l-baned, biż-żfin u l-għana mad-daqq tal-kitarra. F'xi festi kienu jsiru t-tiġrijiet taż-żwiemel u l-ħmir. Il-purċissjoni bl-istatwa titulari kienet tkun mistennija b'ħerqa, u bosta mill-irġiel tar-raħal, jekk ma jerfgħux fl-istatwa, kienu jilbsu ta' fratelli fil-ħafna fratellanzi li kienu għadhom mill-aktar b'saħħithom. Minbarra l-festi tal-irħula l-Maltin kellhom għal qalbhom ukoll il-festi ta' San Girgor u l-Imnarja, kif ukoll il-Karnival.

Dawn il-festi, apparti l-aspett reliġjuż, kellhom ukoll id-dimensjoni soċjali tagħhom. Kienu mhux biss jiksru l-monotonija tal-ħajja ta' kuljum, imma wkoll iservu ta' okkażjoni biex in-nies tar-raħal tiltaqa' u titkellem, u biex iż-żgħażagħ jitħalltu u jitfgħu għajnejhom fuq xi sieħeb jew sieħba, li bosta drabi kien iwassal biex jitħasslu żwiġijiet bejniethom. In-nies kienet tilbes l-aħjar ilbies, u n-nisa kienu jiżżejnu u jiddandnu b'dik il-ħajta deheb li kellhom. Ir-raħal kien ixidd l-armar fit-toroq u jżejjen il-knisja parrokkjali bid-damask u t-tiżjin li mal-medda tas-snin kienu għanewha bih il-parruċċani.[15] Għaldaqstant il-knisja ma kinitx biss il-post fejn in-nies tar-raħal jinġabru u jqimu 'l Alla, imma wkoll it-teżor kollettiv tal-komunità, il-ġabra ta' dak kollu li hu għażiż u prezzjuż għall-parruċċani, is-sintesi tal-istorja tal-lokal, l-imkien li kull parruċċan iħossu kburi u jiftaħar bih quddiem il-barranin.[16]

Marbut mal-festa Maltija tul it-tieni nofs tas-seklu 19 insibu t-twaqqif u l-iżvilupp tal-każini tal-baned. L-interess tal-Maltin fil-banda kien ilu ġej mill-kuntatti li Malta minn dejjem kellha ma' Sqallija. Dawn l-influwenzi komplew kotru wara l-1850 bl-influss tar-refuġjati Taljani f'Malta fi żmien ir-Risorġiment. L-interess fil-banda ssokta jikber meta l-Maltin bdew jaraw il-baned militari Ingliżi. It-tieni nofs tas-seklu 19 ra t-twaqqif ta' każini tal-baned f'għadd ta' bliet u rħula f'Malta u Għawdex, hekk li sal-1890, skont l-istoriku Pietru Pawl Castagna, kien hawn mhux inqas minn 36 banda, tnejn minnhom baned militari, fi 22 belt u raħal.[17] Dawn il-baned ikkontribwew mhux ftit biex il-festa Maltija lejn tmiem is-seklu 19 tikber fl-istatura tagħha u tibda tieħu l-forma li għandha llum. Il-baned kienu anke l-kawża ta' rivalità bejn każin u ieħor, u anke bejn festa u oħra fi rħula ġirien jew anke fl-istess raħal. Tajjeb li jingħad ukoll li t-tieni nofs tas-seklu 19 kien żmien ta' ċerta prosperità, kif diġà ssemma, l-aktar minħabba li żdiedet l-attività militari u navali bil-Gwerra tal-Krimea (1853-56), il-proġetti pubbliċi li daħal għalihom il-Gvern bejn is-snin 1859 u 1865, u d-domanda għall-qoton Malti minħabba l-iskarsezza kkawżata mill-Gwerra Ċivili Amerikana.[18] Għaldaqstant kien hawn aktar flus fl-idejn u l-Maltin kellhom aktar x'jonfqu fit-tiżjin u l-armar tal-festa, fin-nar u l-baned.

## Ħal Balzan bejn żewġ sekli

Ħal Balzan għex il-ġrajja ta' dawn il-gżejjer, bl-inżul u t-tlajja' tagħha, bħall-bqija tal-irħula Maltin, u ta s-sehem tiegħu, anke jekk b'mod modest, fit-tiswir tal-ġrajja ta' ġensna. Lejn tmiem is-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20 Ħal Balzan kien bil-wisq differenti milli hu llum, bħalma kienu ż-żewġ irħula ġirien, H'Attard u Ħal Lija. L-iżvilupp tal-bini kien għadu 'l bogħod minn Ħal Balzan, u lil dan ir-raħal kien jixraqlu aktar mil-lum il-motto *Hortibus Undique Septa* – Imdawwar bil-Ġonna minn Kullimkien. Dawn it-'Tliet Irħula' fiċ-ċentru ta' Malta, tant imfittxa għall-ġonna u l-oqsma tal-larinġ u l-lumi, minkejja li daqshekk qrib xulxin, dak iż-żmien kienu għadhom ftit jew wisq maqtugħin wieħed mill-ieħor. Ħlief għal xi mogħdijiet qalb ir-raba', it-Tliet Irħula kienu magħqudin biss f'salib it-toroq ħdejn il-ħanut tal-Qâdi, illum magħruf bħala



Ritratt tal-ewwel snin tas-seklu 20 li juri tarf Ħal Balzan, fejn it-Triq il-Kbira (dak iż-żmien *Strada Reale*) u Triq Birbal (magħrufa dari bħala *Strada Sant'Antonio*) jingħaqdu mal-Wied ta' Birkirkara. Il-bini tal-faċċata llum huwa l-ħanut tal-laħam *ARG Meat Market*, filwaqt li flok id-dar tar-remissa fuq ix-xellug illum insibu l-*Cafè Papillon*. Id-djar bil-parapetti li naraw illum in-naħa tal-lemin jidher li kienu għadhom ma nbnewx. Mur ġib dik il-merħla mogħoż illum qalb dak it-traffiku kollu li jgħaddi minn dawn l-inħawi!

t-*Three Villages Bar*, fejn it-Triq il-Kbira ta' Ħal Balzan tiltaqa' ma' Triq Annibale Preca u t-Triq il-Kbira ta' Ħal Lija, u ma' Triq Sant'Antnin li tieħu għal H'Attard.

Fiċ-ċensiment tas-sena 1861 jissemmew l-ewwel ismijiet tat-toroq tar-raħal. It-triq ewlenija, dak iż-żmien magħrufa bħala *Strada Reale*, jew Triq id-Dritta, aktar tard *Main Street*, u llum Triq il-Kbira, tgħaddi minn nofs ir-raħal u għalhekk nistgħu nqisuha l-arterja li tgħaqqad it-tarf ta' fuq mat-tarf t'isfel tar-raħal. Tibda minn fejn dari kien magħruf bħala 'tas-Sur Fons', fejn Ħal Balzan imiss mal-Wied ta' Birkirkara, u tibqa' tielgħa sa salib it-toroq fejn jiltaqgħu t-tliet irħula. *Strada Reale* kellha tliet sqaqien: wieħed ħdejn il-Madonna tar-Rummiena, l-ieħor qrib Santa Marija, u l-ieħor ftit aktar 'il fuq, faċċata ta' Triq Santa Marija. Dan tal-aħħar illum huwa triq billi ġie jinfed ma' Triq il-Papa Alessandru VII, li dak iż-żmien ma kinitx teżisti.

Mit-Triq il-Kbira kienu joħorġu t-toroq l-oħra li kienu jiffurmaw 'il Ħal Balzan mitt sena ilu. Nibdew min-naħa t'isfel, minn Wied Ħal Balzan, li dak iż-żmien, tneħħi għorfa u xi żewġ irziezet, kien għadu raba' u ħitan tas-sejjieħ. Ftit passi 'l fuq in-naħa tax-xellug tibda Triq San Franġisk, li fil-bidu tas-seklu 20 kienet triq dejqa b'ħajt tas-sejjieħ fuq kull naħa, u kienet tasal sal-Imrieħel u t-Triq tar-Rabat. Ftit aktar 'il fuq ħdejn il-Madonna tar-Rummiena tibda Triq il-Providenza, bit-tliet sqaqien tagħha, u Triq Santu Rokku, dari magħrufa bħala l-Isqaq taż-Żebbuġa. Ftit 'il fuq naslu *Piazzetta Casal Balzan*, kif kien magħruf dak iż-żmien il-Misraħ, illum Pjazza Bertu Fenech. Mitt sena ilu l-Misraħ kien ħafna iżgħar milli huwa llum billi, fejn illum hemm il-*playing field*, kien għad hemm il-bini jdur mal-knisja u jibqa' nieżel sal-pjazza fejn illum insibu l-Għassa tal-Pulizija.

Fuq il-lemin tal-Misraħ tibda Triq it-Tliet Knejjes, bl-isqaqien tagħha. Din it-triq antika tibqa' sejra sa Wied Ħal Balzan, kważi sa Triq in-Naxxar ħdejn il-mitħna ta' Ganu, u għalhekk fl-imgħoddi



Ritratt meħud minn fuq setaħ fil-kunvent tas-Sorijiet tal-Bon Pastur. Lil hinn mill-ħajt tas-sorijiet jidher il-bini li kien hemm fi *Strada Sant'Antonio*, illum Triq Birbal, li ftit minnu għadu wieqaf sal-lum. Tidher tajjeb ukoll ix-xaqliba tal-Linja qabel bdew telgħin id-djar u l-vilel ta' Triq il-Ferrovija l-Qadima lejn tmiem is-snin 50 u s-snin 60 tas-seklu li għadda.

kienet tintuża ħafna min-nies li riedu jmorru lejn in-Naxxar u l-Mosta. L-isqaq numru 2 ta' Triq it-Tliet Knejjes illum sar triq billi ġie jinfed ma' waħda mit-toroq relattivament ġodda ta' wara l-knisja. In-naħa l-oħra tal-Misraħ kien hemm Sqaq Idmejda, li kien jispiċċa b'razzett kbir tal-annimali. Sqaq Idmejda biż-żmien infetaħ u sar triq li tinfed ma' *Strada Sant'Antonio*, ħdejn il-lukanda *Melita* u l-bieb ta' Sant'Anton.

Mill-Misraħ kont titla' lejn il-knisja parrokkjali minn triq dejqa, parti minn *Strada Reale*. Fil-ġenb l-ieħor tal-knisja, fejn illum infetħet Triq l-Annunzjata, kien hemm l-għelieqi u l-ġnien tad-dar li llum hija l-Każin San Gabriel. Dan il-ġnien kien jasal sal-isqaq dejjaq li kien iservi bħala passaġġ għall-ftit djar li kien hemm qrib il-knisja. Tefgħa ta' ġebla 'l fuq mill-knisja parrokkjali, fuq il-lemin, insibu Triq Santa Marija bit-tliet sqaqien tagħha, wieħed minnhom jagħti għal Sqaq iz-Zekkuk u l-ieħor, Sqaq id-Dingejru, li llum sar triq. *Strada Reale* kienet tibqa' tielgħa 'l fuq sal-bidu ta' Ħal Lija u H'Attard. Dan kien Ħal Balzan tas-snin bejn iż-żewġ sekli, imdawwar mal-knejjes iż-żgħar tiegħu u l-knisja parrokkjali fin-nofs.[19]

## Il-popolazzjoni u l-impjiegi tal-Balzanin

Il-popolazzjoni tar-raħal ukoll kienet tgħodd bil-wisq inqas mil-lum. Filwaqt li fl-ewwel snin tal-ħakma Britannika, sewwasew fl-1825, Ħal Balzan kellu popolazzjoni ta' 660 ruħ, kważi ħamsin sena wara, skont iċ-ċensiment tal-1871, din telgħet għal 851, u sal-bidu tas-seklu l-ġdid (1900) il-popolazzjoni skorriet l-elf ruħ (1096). Fis-sena 1920 Ħal Balzan kellu popolazzjoni ta' 1228, li minnhom 512 kienu rġiel u 716 nisa, li żdiedet għal 1313-il ruħ fl-1925, u baqgħet tielgħa fis-snin ta' wara.[20]

Iċ-ċensiment tal-1871 jagħtina ħjiel ukoll ta' liema toroq f'Ħal Balzan kienu l-aktar abitati u x'xogħol kienu jagħmlu n-nies tar-raħal.[21] Mit-851 ruħ li kienu joqogħdu Ħal Balzan, li 357 minnhom kienu rġiel u 494 nisa, 390 kienu joqogħdu fi *Strada Reale* u l-*vicoli* (l-isqaqien) tagħha. Fi Triq Santa Marija bl-isqaqien tagħha kienu joqogħdu 135 ruħ. Triq it-Tliet Knejjes kellha joqogħdu fiha 117-il ruħ u Triq il-Providenza 87. Fi Triq Idmejda, li tissemma għall-ewwel darba f'dan iċ-ċensiment, kienu joqogħdu 91 ruħ.

Naraw issa kif kienu jaqilgħu ħobżhom il-Balzanin. Jekk inħallu barra l-membri tal-kleru li kienu 14 fil-għadd, il-parti l-kbira tan-nies tar-raħal kienu jaħdmu fir-raba': kien hemm 27 bidwi, 61 ħaddiem ir-raba', tmien ġardinara, u ragħaj wieħed. Numerużi wkoll il-bennejja u l-kaħħala, li kienu jgħoddu 44 ruħ. Nies li kienu jaħdmu fl-industrija tal-qoton kien hemm 37. Fost nies oħra tas-sengħa

nsibu li kien hemm disa' mastrudaxxi u tliet furnara jew jaħdmu l-għaġin. Oħrajn kienu jaqilgħu l-għajxien tagħhom mod ieħor: 15-il ruħ kellhom ħanut, disgħa kienu jaħdmu bħala kalessiera jew xufiera, u 16 kienu jaħdmu bil-karettun. F'Hal Balzan kien hemm biss professjonista wieħed, li kien avukat. Kien hemm tmien nobbli u 21 li kienu proprjetarji tal-art. Kien hemm ukoll żewġ impjegati mal-Gvern, qabla, għalliem, pensjonant tal-Gvern, u disa' tallaba. X'aktarx li sal-aħħar tas-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20 ftit li xejn setgħet inbidlet is-sitwazzjoni.

## Xi aspetti tal-ħajja soċjali ta' Ħal Balzan

Ħal Balzan ta' bejn iż-żewġ sekli, bħal ħafna rħula oħra f'Malta, kien għadu nieqes mis-servizz tad-dawl elettriku. Għalkemm m'għandniex tagħrif preċiż dwar meta wasal l-elettriku f'Hal Balzan, il-ktieb tal-ħruġ u l-infiq tal-parroċċa jagħtina ħjiel tajjeb billi għallinqas jurina kif kienet tinxtegħel il-knisja parrokkjali. Sal-1913 nafu li l-knisja kienet għadha tuża l-pitrolju, iżda minn Jannar tas-sena ta' wara (1914) beda jintuża l-gass, sakemm fis-sena 1925 il-knisja bdiet tinxtegħel bid-dawl elettriku. Nafu wkoll li l-Kappillan Zahra kien ħabrek ħafna biex il-knisja tkun mill-ewwel postijiet fir-raħal li jkollhom l-elettriku.[22] Kien f'dik is-sena wkoll (1925) li nxtegħel għall-aħħar darba bit-tazzi taż-żejt id-disinn tal-faċċata tal-knisja għall-festa titulari.[23]



Ritratt tal-ewwel kwart tas-seklu 20 li juri l-faċċata tal-knisja parrokkjali armata bil-lampi taż-żejt għall-festa tal-Lunzjata. Fil-ġenb mal-pilastru tax-xellug jidher is-sellum tal-ħabel li kien jintuża biex jinxtegħlu l-lampi. Jidhru wkoll iż-żewġ fanali quddiem l-istatwi tal-Madonna u l-Anġlu Gabriel, u l-fanal mal-kantuniera tad-dar ta' quddiem il-knisja. Il-balavostrar taz-zuntier għadu kif kien fl-antik.

L-iżvilupp fil-ħajja soċjali ta' Ħal Balzan fl-aħħar snin tas-seklu 19 ma setax jonqos li jkun influwenzat mit-titjib fit-trasport. Fit-30 ta' Novembru 1856 beda s-servizz tal-omnibus minn Ħal Lija sal-Belt Valletta li kien jgħaddi minn Ħal Balzan.[24] It-trasport kompla jitjieb meta bdiet taħdem il-ferrovija fit-28 ta' Frar 1883. Fi triqitha mill-Belt Valletta lejn l-Imtarfa, il-ferrovija għaqqdet il-kapitali ma' numru ta' rħula u subborgi li kienu qegħdin jikbru. Tul ir-rotta tagħha, il-ferrovija kellha żewġ waqfiet Ħal Balzan. Waqfa minnhom kienet hekk kif tiskorri l-istazzjon ta' Birkirkara, qrib fejn illum hemm Misraħ San Alwiġi, tefgħa ta' ġebla bogħod minn fejn jibdew *Strada Reale* u *Strada Sant'Antonio*. Il-waqfa l-oħra kienet viċin Sant'Anton, ftit 'il fuq mill-bieb tan-naħa t'isfel, li kien infetaħ mill-Gvernatur Sir Arthur Borton sena qabel bdiet il-ferrovija fl-1882. Hemm il-ferrovija kellha l-faċilitajiet biex tniżżel u tgħabbi n-nies iżda l-post ma kienx kunsidrat bħala stazzjon. Minn Sant'Anton il-ferrovija kienet tibqa' sejra lejn l-istazzjon ta' Ħ'Attard.[25]



Ritratt li juri l-kantuniera bejn Triq il-Ferrovija l-Qadima u Vjal De Paule, Ħal Balzan. Hawn kellha l-waqfa tagħha l-ferrovija qrib Sant'Anton. Sal-aħħar tas-snin 50, qabel beda tiela' l-bini dik in-naħa ta' Ħal Balzan, kienet għadha tidher ir-rampa u l-mogħdija mnejn kienet tgħaddi l-ferrovija. Sfortunatament iż-żewġ palmiet li jidhru fir-ritratt kellhom jinqatgħu ftit xhur ilu billi ntmessew mill-bumunqar tal-palm. Dan ir-ritratt ittieħed fl-1969 minn Nikola Azzopardi (Ħ'Attard).

Aspett ieħor tal-ħajja f'Hal Balzan huwa l-edukazzjoni. Fis-snin li qegħdin insemmu Hal Balzan kellu l-iskejjel primarji tiegħu, waħda għas-subien u l-oħra għall-bniet. L-iskola tas-subien, li kienu jmorru fiha t-tfal subien ta' Ħal Balzan u Hal Lija, kienet fid-dar antika ta' żmien il-Kavallieri, tmiss mal-ġnien tal-Palazz ta' Sant'Anton, fi Triq Sant'Antnin int u sejjer lejn Ħ'Attard. Ħafna minna għadna niftakruha tajjeb din l-iskola, fejn għaddejna wħud mill-isbaħ snin ta' tfulitna. Fl-istess żmien (1878) it-tfal bniet kellhom l-iskola tagħhom f'Palazzo Testaferrata, fit-tarf ta' fuq tat-Triq il-Kbira, fejn illum insibu l-Kunsill Lokali u l-Uffiċċju tal-Posta.[26] Fis-sena 1920 kien hemm 259 tifel u 169





Palazzo Testaferrata, li serva ta' skola primarja għat-tfal bniet u għall-*infants*, u d-dar antika fi Triq Sant'Antnin, int u sejjer Ħ'Attard, li kienet l-iskola primarja tas-subien. Għal snin twal dawn iż-żewġ skejjel laqgħu t-tfal taż-żewġ irħula ta' Ħal Balzan u Ħal Lija, u baqgħu jintużaw sakemm infetħet l-Iskola Primarja Annibale Preca f'Settembru 1974.

tifla miż-żewġ irħula jmorru l-iskola. Fl-iskola taż-żgħar, li dari konna nsejħulha tal-*infants*, kien hemm 57 tifel u 62 tifla. Fl-istess sena Ħal Balzan kellu wkoll l-iskola ta' billejl, li għaliha kienu jattendu 38 raġel. Kien hemm skola privata elementari għall-bniet li fiha kienu jattendu 60 tifla. Din kienet fil-kunvent tal-Bon Pastur fi Triq Idmejda, u bħala sinjora kellha lil Suor Maria Dolores Bonavia.[27]

F'dan iż-żmien Ħal Balzan kellu wkoll is-servizzi ta' Għassa tal-Pulizija u Uffiċċju tal-Posta. L-Għassa kienet fid-dar tal-kantuniera, faċċata tal-ħanut tal-Qâdi, f'salib it-toroq bejn it-Tliet Irħula, u kienet taqdi l-ħtiġijiet ta' Ħal Balzan u Ħal Lija. Iżda bejn l-1847 u l-1876 l-Għassa ta' Ħal Balzan kienet f'numru 214, Triq il-Kbira, fid-dar li llum tinsab bieb ma' bieb mas-Sala Aurora, u li kienet magħrufa bħala *Casa della Guardia*.[28] F'din l-istess dar kien hemm ukoll l-Uffiċċju tal-Posta. Il-Posta f'Ħal Balzan infetħet ftit wara l-1900 u għalqet fl-1921.[29] Fi ftuħ is-seklu fir-raħal kien hawn ukoll stamperija, li kienet f'numru 15, *Strada Reale*.[30]

Fis-snin bejn is-sekli 19 u 20 f'Ħal Balzan insibu li kien hawn żewġ lukandi. Lukanda minnhom hija l-*Alexandra Hotel*, li kienet tinsab f'Numri 154, 155 u 156, *Strada Reale*. Mill-kontijiet tal-knisja parrokkjali jidher li din il-lukanda kienet diġà teżisti fis-sena 1859, billi l-kappillani ta' Ħal Balzan kienu jħallsu lil sid il-lukanda meta kienu jibagħtu għandu lil xi qassis minn barra r-raħal li jkun ġie jagħti xi servizz lill-knisja, l-aktar fil-festa tal-Lunzjata. Sal-1889 din il-lukanda kienet għadha miftuħa.[31] Il-lukanda l-oħra, li hija sinonima ma' dan ir-raħal u għadha fix-xena sal-lum bħala ristorant, hija l-*Melita Hotel*, f'tarf Triq Idmejda ħdejn il-bieb ta' Sant'Anton. Ħjiel ta' din il-lukanda nsibuh fl-i*Status Animarum* tas-sena 1899, fejn insibu min kienu l-proprjetarji tagħha, u nota fl-istess reġistru taħt is-sena 1906 li l-lukanda tinsab *"presso San Antonio."*[32]

## Il-knisja parrokkjali u l-festa tal-Lunzjata

Bħal ħafna bliet u rħula oħra, iċ-ċentru tal-ħajja reliġjuża u soċjali ta' Ħal Balzan kienet il-knisja parrokkjali, u magħha kienet iddur il-ħajja tal-Balzanin matul ja sena. Tul l-aħħar snin tas-seklu 19 u l-ewwel snin tas-seklu 20 Ħal Balzan kellu tliet kappillani: Dun Ġużepp Salnitro (1875-1889), Dun Ġwann Sarreo (1890-1895), u Dun Amabile Sisner (1896-1923). Kienu tliet parrokati li b'mod jew ieħor ħallew il-marka tagħhom fuq il-ħajja tal-parroċċa.

Tul dawn is-snin, il-knisja parrokkjali ħadet spinta qawwija 'l quddiem fl-ornamentazzjoni tagħha u l-festa tal-Lunzjata, bħal festi oħra titulari u sekondarji, rat żvilupp kbir u saħansitra bdiet tistabilixxi ruħha fost il-festi ewlenin ta' ġżiritna. Dan il-qawmien jidher li beda meta f'Marzu tas-sena 1868 il-Balzanin laqgħu fosthom l-istatwa titulari ta' Marija Annunzjata, li kien għadu kemm naqax fl-injam l-iskultur Salvatore Dimech (1804-1886). Dak iż-żmien il-Lunzjata kienet għadha ssir fis-sollennità tagħha nhar il-25 ta' Marzu. Kien f'dan iż-żmien li




L-istatwa titulari ta' Marija Annunzjata, kif ħarġet minn idejn l-iskultur Salvatore Dimech fl-1868. Tul is-snin il-Balzanin ħabbew din l-istatwa u żammewha b'għożża, u minn sena għal oħra raw kif għamlu u kabbru l-festa tagħha.

l-*Cappella* Nani ħadet f'idejha l-mużika tal-festa tal-Lunzjata. Il-mużika sagra għandha tradizzjoni twila f'Ħal Balzan, u din kompliet tissaħħaħ meta fl-1872 Dr Paolo Nani nħatar *maestro di cappella*. Tul is-snin il-familja Nani għaniet il-festa tal-Lunzjata bi strofi u antifoni li jpaxxu l-widna, u l-Balzanin minn dejjem ixxennqu għalihom. Fl-1875, tliet snin wara li ħa t-tmexxija, Maestro Nani kkompona l-antifona *Spiritus Sanctus*, li ndaqqet għall-ewwel darba fil-festa titulari ta' dik is-sena.

Fost l-opri sbieħ li saru fil-knisja dik il-ħabta nsemmu t-tużell tal-festa għal fuq l-artal maġġur, li sar fl-1877 fuq disinn tal-Perit Enrico Calleja u xogħol Salvu Grixti minn Ħal Balzan. Aktar tard, fis-snin 1890/1891, tbierku l-qniepen l-antiki li saru fil-funderija ta' Ġulju Cauchi. Dan iż-żmien ukoll beda x-xogħol tal-pittura tal-knisja, u fl-1894 il-pittur Giuseppe Calì temm waħda mix-xogħlijiet sbieħ tiegħu, il-pittura tal-koppla. Dun Xand Cortis, f'kitba tal-1895 dwar il-festa tal-Lunzjata, kiteb hekk dwar il-knisja ta' Ħal Balzan: "Il-knisja ta' Ħal Balzan minn xi żmien 'il hawn kotrot wisq fil-ġmiel, u toktor iżjed. Il-koppla naqqxuha sabiħ ħafna xi żgħażagħ tal-istess raħal; u pinġieha s-Sur Calì. Fiha s-seba' doni tal-Ispirtu s-Santu li ħarġu sbieħ kemm jista' jkun."[33] Iżid ukoll li l-knisja "ġiet onvjata u miżbugħa mill-ħaddiema tal-istess raħal b'ħeġġa l-iżjed kbira taħt it-treġija tas-Sur Calì."[34]

Dik il-ħabta Ħal Balzan kellu ħafna benefatturi kbar li ħabbew 'il raħal twelidhom u l-festa tal-Lunzjata. Fost dawn il-benefatturi ta' min isemmi lill-Konti Francesco Manduca, li Dun Xand isejjaħlu "ġieħ u żîna ta' Ħal Balzan" u "devot mill-aqwa tal-Lunzjata," u s-sur Tonin Azzopardi, "raġel ħabrieki wisq għall-festa tal-Lunzjata," li dik is-sena (1895) kien ħallas minn butu l-Banda 'La Vallette' għall-marċ li għamlet wara t-*Te Deum* lejlet il-festa.[35] Żewġ benefatturi oħra ta' dik l-epoka kienu Pietru Pawl Frendo u n-Nutar Gioacchino Frendo li dik l-istess sena għamu tajjeb għall-paviment tar-rħam tal-kor u l-presbiterju tal-knisja parrokkjali.

Billi dak iż-żmien ġa kienu twaqqfu għadd ta' każini tal-baned f'Malta, il-festi esterni tal-Lunzjata wkoll kibru fl-istatura tagħhom. Insibu li fil-festa tal-1890 ħadu sehem il-baned 'Alleanza' ta' Birkirkara u 'La Vallette' tal-Belt. Il-logħob tan-nar ma kienx jonqos, kif jgħidilna Dun Xand Cortis fil-kitba msemmija. Dun Xand ifaħħar iż-żgħażagħ ta' Ħal Balzan u jgħid li huma dilettanti ħafna tan-nar: "Minn żmien qabel dil-festa, fil-ħin tas-serħ, u filgħaxija billejl, tilmaħ qatgħa żgħażagħ miġbura flimkien jitkellmu fuq il-festa, u jaħdmulek għall-festa bosta logħob tan-nar."[36] It-tiżjin mat-toroq tar-raħal fil-jiem tal-festa wkoll ħa spinta 'l quddiem. Biżżejjed insemmu li bejn is-snin 1903 u 1911 sar is-sett ta' statwi artistiċi tal-kartapesta li jirrappreżentaw il-profeti, xogħol l-istatwarju Vincenzo Cremona (1851-1912), li għadhom sal-lum jintramaw fit-



Ritratt ieħor antik tal-istatwa tal-Papa Ljun XIII, armata fil-Misraħ, wara xi modifiki li kienu sarulha fil-parti t'isfel tal-pedestall. Il-Misraħ kien ħafna iżgħar milli hu llum. Ta' min jinnota wkoll il-fanal bil-lampa tal-pitrolju li kien itaffi xi ftit mid-dlam tal-lejl.

Triq il-Kbira.[37] L-ewwel fost dawn l-istatwi kienet dik tal-Papa Ljun XIII, li kienet tintrama fil-Misraħ.[38]

Il-festa ta' San Valentinu, it-tieni patrun tal-parroċċa wara Marija Annunzjata, ukoll kienet tiġi ċelebrata bil-kbir u b'sollennità, bil-kant tal-matutin u l-għasar, u l-quddiesa kantata bil-paneġierku. Kien jintrama d-damask, tindaqq il-mużika, u saħansitra kienu jiġu mistiedna qassisin minn barra l-parroċċa. Maż-żmien daħlu wkoll id-daqq tal-banda u l-logħob tan-nar. Jidher li l-Balzanin kienu saħansitra jistiednu għal din il-festa 'l qrabathom minn bliet u rħula oħra. Hekk, meta fil-lejl tal-5 ta' Lulju 1862 seħħ il-qtil ta' Katarina Borg, is-seftura taċ-ċanġier Lawrenz Demartino, fid-dar tiegħu stess fi Triq is-Suq, il-Furjana, delitt li baqa' magħruf bħala ta' "Peppi tat-Tuttu", is-Sur Demartino kien qiegħed Ħal Balzan għand oħt martu billi kien mistieden għall-festa ta' San Valentinu.[39]

## L-Isqof Pietro Pace joqgħod Ħal Balzan

Bejn is-snin 1889 u 1914 Ħal Balzan kellu fost ir-residenti tiegħu lill-Isqof Mons. Pietro Pace (1831-1914). Mons. Pace kien Isqof t'Għawdex mill-1877 sal-1889, u meta f'dik is-sena nħatar Isqof ta' Malta, minflok mar jgħix fil-palazz il-Belt Valletta, irnexxielu jikseb dar fil-pjazza ta' Ħal Balzan u mar joqgħod fiha mal-familja tan-neputi tiegħu Francesco Saverio Pace.[40] Din id-dar, li sal-lum għadha magħrufa bħala 'Casa Pace', fi żmienu kellha ġnien kbir li kien jasal sa aktar minn nofs il-pjazza ta' ħdejn il-knisja, u hemm l-Isqof Pace kien jgħaddi s-sigħat jaqra u jistrieħ għad-dell tas-siġar. "Kif qal bosta drabi huwa stess," kiteb Dun Ġwann Dimech, "kien iħossu Balzani bħall-Balzanin kollha." Bħala Isqof, Mons. Pace għamel tliet viżti pastorali lill-parroċċa: fl-1891, fl-1897, u fl-1908, u amministra l-Griżma lil ħafna tfal Balzanin. Kemm dam joqgħod Ħal Balzan kull sena kien jagħlaq il-festa tal-Lunzjata billi jagħti l-barka sagramentali, u l-festa tas-sena 1913 kien saħansitra mexxieha hu.

Kien f'din id-dar ta' Ħal Balzan li l-Isqof Pace laqa' lil Manwel Dimech nhar il-Ġimgħa, it-3 ta' Novembru 1911, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu. Din il-laqgħa saret fl-isfond tal-iskomunika li l-Isqof Pace kien ta lil Dimech ftit jiem qabel minħabba t-tagħlim li kien qed ixerred permezz tax-Xirka tal-Imdawlin u l-gazzetta *Il-Bandiera tal-Maltin*.[41] F'dik l-istess sena wkoll, f'għeluq it-tmenin sena tal-Isqof Pace, in-nies ta' Ħal Balzan għamlulu festa, b'quddiesa sollenni u l-kant tat-*Te Deum*. Huwa radd ħajr lill-Balzanin u faħħarhom għad-devozzjoni tagħhom lejn Marija Annunzjata. Filgħaxija ħadu sehem il-Banda tal-Istitut ta' San Ġużepp, il-Banda 'Pinto' ta' Ħal Qormi, u l-Banda ta' Birkirkara.[42]



Il-kappella tal-Bon Pastur fi Triq Idmejda, faċċata ta' Triq Dun Amabile Sisner, mibnija bejn is-snin 1898 u 1901, li tagħti lewn u karattru lil din in-naħa ta' Ħal Balzan. Il-bini ta' din il-kappella ħelwa jgħaqqad flimkien iż-żewġ sekli 19 u 20.

## Kongregazzjonijiet u għaqdiet reliġjużi f'Ħal Balzan

Ix-xoqqa tal-istorja soċjali ta' Ħal Balzan fis-snin bejn iż-żewġ sekli hija minsuġa minn ħjut ta' lwien differenti. Ġrajja importanti fl-istorja tar-raħal seħħet nhar l-10 ta' Marzu 1898 meta l-Isqof Pietro Pace bierek u qiegħed l-ewwel ġebla tal-kappella tal-Bon Pastur fi Triq Idmejda. Il-pjanta għamilha l-perit Vincenzo Busuttil u x-xogħol sar taħt it-tmexxija tal-imgħallem Piju Ebejer minn Ħal Balzan. Il-kappella tlestiet u tbierket mill-istess Mons. Pace fis-7 ta' Frar 1901. Is-sorijiet tal-Bon Pastur kienu ġew Malta fis-sena 1858, u wara xi żmien joqogħdu fil-palazz tal-familja Testaferrata fi *Strada Reale*, kisbu l-art kbira li għandhom illum qrib Sant'Anton. Tul is-snin ħafna tfajliet li saru ommijiet, nisa msawta jew li sfaw bla dar, u saħansitra refuġjati li sabu ruħhom f'pajjiżna, sabu kenn, faraġ u għajnuna minn dawn is-sorijiet li, bħar-Ragħaj it-Tajjeb, waqfu magħhom u ħadu ħsiebhom.

Kongregazzjoni oħra ta' sorijiet li rabtet isimha mal-istorja ta' Ħal Balzan hija dik tal-Franġiskani Missjunarji ta' Marija. Dawn is-sorijiet ġew Malta fl-1911 biex jifthu dar għan-novizzi billi l-klima politika fl-Italja kienet imqallba. Marru joqogħdu l-ewwel is-Seminarju tal-Imdina, imbagħad Villa Bologna, H'Attard, u wara sabu dar Birkirkara. Fl-1920 xtraw dar bi ġnien kbir

Ħal Balzan fejn bdew jibnu l-kunvent, il-kappella u l-iskola. Is-sorijiet daħlu fil-kunvent il-ġdid tagħhom nhar il-15 ta' Ottubru 1926. Minn din l-iskola, li aktar tard issemmiet 'Stella Maris School', bdew il-ħidma tagħhom fil-qasam tal-edukazzjoni tat-tfal.

Il-ħajja pastorali f'Ħal Balzan tul dawn is-snin stagħniet ukoll bil-ftuħ tad-djar tad-duttrina tas-Soċjetà tal-Museum. Il-qasam tas-subien infetaħ fis-sena 1923, filwaqt li dak tal-bniet fl-1931. Koinċidenza sabiħa seħħet fl-1928, billi dik is-sena l-Eżerċizzi tar-Randan saru minn Dun Ġorġ Preca, il-fundatur kanonizzat tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, u f'dik l-istess sena l-purċissjoni ta' Marija Annunzjata tmexxiet minn Mons. Ġużeppi De Piro, il-fundatur tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl.

## It-twaqqif tal-każini f'Ħal Balzan

Is-seklu 19 ra t-twaqqif ta' għadd ta' każini f'diversi bliet u rħula, li wħud minnhom għandhom abbinata magħhom banda mużikali. Ħal Balzan ma baqax lura. Dan l-iżvilupp soċjali fil-ħajja tar-raħal seħħ fis-sena 1890 meta twaqqaf l-ewwel każin bl-isem *Circolo L'Annunziata*. Fl-1904 l-każin bidel ismu u beda jissejjaħ *Circolo Maria Annunziata*, u llum is-Soċjetà Filarmonika 'Marija Annunzjata'. Dan il-każin twaqqaf bil-għan li jkabbar il-festa titulari, "biex din il-Festa tkun mill-aqwa kemm tista' tkun f'dak li huwa nar, armar u baned."[43] Meta fis-sena 1919 tlaqqgħet l-Assemblea Nazzjonali taħt it-tmexxija ta' Sir Filippo Sceberras biex Malta u Għawdex jieħdu l-awtonomija politika, iċ-*Circolo Maria Annunziata* bagħat żewġ delegati biex jirrappreżentaw 'il Ħal Balzan f'din l-Assemblea. Dawn ir-rappreżentanti Balzanin kienu n-Nutar Luigi Gauci Forno u s-Sur Luigi Briffa.[44]

Minsuġa mal-ġrajja bikrija ta' dan il-każin insibu d-diżgrazzja tan-nar li fiha mietu sitta min-nies: Valent Debono, Antonju Falzon, Pawlu Muscat, Ġużeppi Muscat, Piju Muscat, u Konċetta Sisner, oħt il-Kappillan Dun Amabile Sisner. Kien il-Ħamis, it-22 ta' Ottubru 1903, għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija, meta fil-każin kien għad hemm xi rġiel iqattgħu siegħa żmien: min jaqra, min jilgħab il-karti, filwaqt li oħrajn kienu medhijin jaħdmu xi nar għall-festa.[45] Fid-daqqa u l-ħin, seħħet splużjoni qawwija li riegħdet u heżżet id-djar kollha ta' Ħal Balzan, u li nħasset mill-irħula tal-qrib. L-isplużjoni għamlet ħsara wkoll liż-żewġt idjar li jmissu mal-każin u li waħda minnhom kienet tal-kappillan. Xi ġebel li waqa' fuq il-bejt tal-kappillan ġarraf parti mis-saqaf, u waħda minn ħutu xebbiet baqgħet mejta. Din x'aktarx kienet l-iktar ġrajja doloruża fl-istorja tar-raħal.[46]

Il-każin li din is-sena qed infakkru d-disgħin sena mit-twaqqif tiegħu huwa l-Każin 'San Gabriel', li beda bħala *Circolo San Gabriele* nhar id-19 ta' April 1920. L-istorja tat-twaqqif ta' dan il-każin tixbah lil dik ta' xi każini oħra f'pajjiżna, li ħarġu minn każin ieħor wara nuqqas ta' qbil li jkun inqala'. Il-Każin jaf il-bidu tiegħu wara li xi żgħażagħ infirdu miċ-*Circolo Maria Annunziata*, li kienet l-unika soċjetà li kien hawn Ħal Balzan dak iż-żmien. "X'kienet ir-raġuni vera għaliex seħħet din il-firda ma nafux," jikteb Guido Borg, "iżda x-xjuħ tagħna jsostnu li ġrat minħabba l-qniepen." Ġara li fl-1919 il-Kappillan Sisner ħabbar li kienu se jibdew jinġabru l-flus għal sett ġdid ta' qniepen għall-knisja parrokkjali. Għal dan il-għan twaqqaf il-*Comitato delle Campane*, li ħafna mill-membri tiegħu kienu wkoll soċji fiċ-*Circolo Maria Annunziata*. "Jidher li l-kumitat ta' din is-Soċjetà kien iddeċieda li ma jorganizzax il-festi esterni tal-Lunzjata bħas-snin ta' qabel ħalli jagħti ċans lill-Kappillan u lill-*Comitato delle Campane* jiġbru l-ispejjeż tant meħtieġa għas-sett ġdid ta' qniepen."[47]



Il-*Comitato delle Campane*, imwaqqaf mill-Kappillan Dun Amabile Sisner, li bejn is-snin 1920 u 1925 kellu l-inkarigu li jieħu ħsieb il-ġbir tal-flus għas-sett il-ġdid tal-qniepen.

Din id-deċiżjoni xejn ma niżlitilhom lil dawn iż-żgħażagħ, li saħansitra ddeċidew li jorganizzaw huma l-festi esterni tal-Lunzjata. Iżda x'ġara sewwasew biex seħħ dan il-pass, u kienx hemm xi raġunijiet oħra wara din il-ġrajja, huwa diffiċli jiġi stabbilit illum, disgħin sena wara. Fid-dinamika ta' din il-ġrajja wieħed ma jistax jeskludi fehmiet politiċi differenti fil-kuntest tat-taqlib soċjali li kien hawn f'pajjiżna dak iż-żmien.[48] Kienu x'kienu l-motivi, dawn iż-żgħażagħ kienu determinati u għażlu tlieta minn fosthom biex imorru jitkellmu mal-Kappillan. Dawn it-tliet rappreżentanti kienu Giuseppe Muscat, Giuseppe Falzon u Salvatore Attard. Il-Kappillan Sisner krielhom id-dar Numru 5, Triq Santa Marija, biex ikunu jistgħu jiltaqgħu u jibdew l-għaqda l-ġdida.

Jingħad ukoll li ż-żgħażagħ xtaqu jsemmu l-każin il-ġdid għal San Valentinu, it-tieni patrun

tal-parroċċa li lejh il-Balzanin kellhom devozzjoni kbira. Iżda l-Kappillan Sisner, li kien iħares 'il bogħod, u biex żgur jevita li l-festa ta' San Valentinu tkompli tikber bil-periklu li 'l quddiem Ħal Balzan ikollu żewġ festi, "tahom il-parir li l-każin il-ġdid għandu jissemma għall-Arkanġlu Gabriel, biex b'hekk iż-żewġ każini jibqgħu jaħdmu għal festa waħda."[49] Kien pass għaqli ħafna li ddetermina r-rotta li kellu jieħu Ħal Balzan fejn jidħlu l-festi li jiċċelebra. Fil-fatt, mal-medda tas-snin, il-festa ta' San Valentinu kompliet tonqos fl-importanza tagħha, u ż-żewġ każini sa mit-twaqqif tagħhom iċċelebraw festa waħda, dik tal-patruna ta' Ħal Balzan, Marija Annunzjata.

## Konklużjoni

Iż-żmien jgħaddi u l-ħajja tinbidel. Ħal Balzan tal-lum m'għadux Ħal Balzan ta' mitt sena ilu, bħalma Malta ta' żmienna m'għadhiex dik ta' ftuħ is-seklu 20. Dan ir-raħal żgħir fiċ-ċentru ta' Malta, imfittex għall-kwiet u l-ġonna tiegħu, illum kiber u nbena kollu, u sar ħaġa waħda mhux biss mal-irħula ġirien, Ħal Lija u H'Attard, imma wkoll ma' Birkirkara. Minkejja dan, irnexxielu jżomm uħud mill-karatteristiċi li fl-imgħoddi kienu jagħżluh minn irħula oħra, l-aktar meta tersaq lejn il-qalba tiegħu fejn għadha tifrex ħarsitha l-knisja parrokkjali.

In-nies tar-raħal inbidlu wkoll. Ħafna Balzanin meta żżewġu marru joqogħdu fi bliet u rħula oħra, filwaqt li nies minn lokalitajiet oħra bnew darhom f'dan ir-raħal u ġew joqogħdu fih. Għalkemm il-konfini territorjali baqgħu li kienu, is-sens ta' appartenenza tal-abitanti tiegħu m'għadux li kien. B'riżultat ta' dan, is-sens ta' storja u tradizzjoni naqas u ddgħajjef. Dan huwa x'aktarx parti mill-prezz li pajjiżna kellu jħallas għall-progress materjali u l-mobbiltà tal-aħħar għaxriet ta' snin. Nittamaw għallinqas li l-għeruq tan-nies li twieldu fil-ħamrija ta' dan ir-raħal ma jinxfux jew jitqaċċtu għal kollox, bħalma nittamaw ukoll li bħala nazzjon l-identità, il-karatteristiċi u l-valuri li jagħżluna bħala poplu u li sa mill-qedem rifdu lil missirijietna ma jintilfux fid-dinja globalizzata tas-seklu 21.

---


**Kotba oħra li ġew konsultati:**

- Carmel Bezzina, *Saydon Biblista u Studjuż tal-Malti*, Malta: Pubblikazzjoni Preca, 2006.
- Mario Cassar, *Storja tal-Ilsien u tal-Letteratura Maltija – Kronoloġija Selettiva*, Malta: Għaqda tal-Malti (Università), 2002.
- Dominic Fenech, *Responsibility and Power in Inter-War Malta, Book One: Endemic Democracy (1919-1930)*, Malta: Publishers Enterprising Group (PEG) Ltd, 2005.
- Henry Frendo, *Storja ta' Malta*, Vol.III, Malta: Klabb Kotba Maltin, 2004.
- Kenneth Gambin u Noel Buttigieg, *Storja tal-Kultura tal-Ikel f'Malta*, Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2003.
- John Inguanez, *Ġrajjiet Malta fl-Imgħoddi*, Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2000.
- Adrianus Koster, *Prelates and Politicians in Malta*, The Netherlands: Van Gorcum, 1984.
- Joseph M. Pirotta, *L-Istorja Kostituzzjonali u l-Isfond Storiku (1800-1942)*, Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2005.


---

**Riferenzi:**

[1] Sa mis-sena 1813 is-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji kien irrikkmanda lill-Gvernatur sabiex jara kif iġib 'il quddiem "*the diffusion of the English language among the inhabitants, and the promotion of every method by which the English may be brought to supersede the Italian tongue.*" A.V. Laferla, *British Malta*, Vol. I, Malta: A.C. Aquilina & Co., 1976, pp. 82-83.

[2] Ara Jeremy Boissevain, "*Festa Partiti* and the British: Exploding a Myth," f'Victor Mallia-Milanes (ed.), *The British Colonial Experience 1800-1964*, Malta: Mireva Publications, 1988, p. 226. Ara wkoll Henry Frendo, *Lejn Tnissil ta' Nazzjon*, Malta: Klabb Kotba Maltin, 1971.

[3] Ara Michael J. Schiavone, *L-Elezzjonijiet f'Malta 1849-1981*, Malta: Pubblikazzjoni Bugelli, 1987.

[4] Għal sfond storiku dettaljat tal-Kwistjoni tal-Lingwa u l-għeruq tagħha fis-seklu 19, ara Geoffrey Hull, *The Malta Language Question: A Case Study in Cultural Imperialism*, Malta: Said International Ltd, 1993.

[5] Il-Prof. P.P. Saydon jiddeskrivi l-problema trilingwali ta' Malti fl-ewwel snin tas-seklu 20 hekk: it-Taljan kien qisu s-sid ġo daru, l-Ingliż kien il-barrani li kien tollerat għalkemm ma kienx mixtieq, filwaqt li l-Malti kien il-qaddej li jagħmel ix-xogħol l-aktar baxx tad-dar. Ara Saydon, *Maltese Literature and its Future in its Relation to National Character*, Malta: Lotus Press, 1946, p. 10.

[6] Ara David Marshall, *History of the Maltese Language in Local Education*, Malta: Malta University Press, 1971, p. 33.

[7] Ara Paul Bartolo, *X'kien ġara sew fis-Sette Giugno 1919*, Malta: Klabb Kotba Maltin, 1979. Ara wkoll Henry Frendo, *Ir-Rivoluzzjoni Maltija tal-1919*, Malta: 1970.

[8] Fil-mitt sena bejn l-1842 u l-1948 il-popolazzjoni ta' Malta żdiedet kif ġej: 114,499 (1842); 123,496 (1851); 134,055 (1861); 141,775 (1871); 149,782 (1881); 165,037 (1891); 184,742 (1901); 211,564 (1911); 212,258 (1921); 241,621 (1931); 305,991 (1948). Mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, Malta.

[9] Ara Carmel Cassar, "Everyday Life in Malta in the Nineteenth and Twentieth Centuries," f'Victor Mallia-Milanes (ed.), *The British Colonial Experience 1800-1964*, *op.cit.*, p. 117.

[10] *Ibid.*, pp. 100-102.

[11] *Ibid.*, pp. 112-115.

[12] *Ibid.*, pp. 105-107.

[13] Fra Diegu Bonanno (1831-1902), ajk mal-Franġiskani Minuri, għex ħajtu jterraq ma' Malta jittallab il-karità biex jgħin tfal iltiema u tfajliet tat-triq. Madre Margerita De Brincat (1862-1952) waqqfet f'Għawdex, flimkien ma' Dun Ġużepp Diacono, is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Madre Ġużeppina Curmi (1864-1931) kienet il-fundatriċi tas-Sorijiet ta' Ġesù Nazzarenu. Dun Alfred Gatt (1873-1937), qassis b'fama kbira ta' qdusija, kien imfittex ħafna għall-qrar u d-direzzjoni spiritwali. Mons. Ġużeppi De Piro (1877-1933) kien il-fundatur tas-Soċjetà Missjunarja

ta' San Pawl. L-Isqof Emmanuel Galea (1891-1974) kien Vigarju Ġenerali tal-Arċidjoċesi, għalliem tal-Liġi Kanonika fl-Università, kittieb u predikatur imsemmi.

[14] Ara Jeremy Boissevain, *Saints and Fireworks*, University of London: The Athlone Press, 1965, p. 31.

[15] George Percy Badger, li żar Malta fl-ewwel nofs tas-seklu 19, kiteb hekk: *"The principal recreations of the Maltese have, in general, some connection with their religious ceremonies. The numerous processions ... afford opportunities to the stranger of seeing every rank and class of the people, in their best attire, congregated together in crowds to witness the scene."* Ara *Description of Malta and Gozo*, Malta: 1838, p. 98.

[16] Ara Jeremy Boissevain, *Saints and Fireworks*, *op.cit.*, p. 70.

[17] Ara Pietro Paolo Castagna, *Lis Storja ta Malta bil Gzejer Tahha, Appendix*, Malta: 1890, pp. 247-248.

[18] Ara Jeremy Boissevain, *"Festa Partiti* and the British: Exploding a Myth," f'Victor Mallia-Milanes (ed.), *The British Colonial Experience 1800-1964*, *op.cit.*, pp. 221-222.

[19] L-inħawi bejn il-Bon Pastur u Sant'Anton, fejn illum insibu Triq Sisner u Triq San Valentin, iffurmaw ruħhom bejn is-snin 20 u 40 tas-seklu li għadda. Fis-snin 50 bdiet tissawwar Triq l-Annunzjata qrib il-knisja, filwaqt li fis-snin 60 bdew jiżviluppaw l-inħawi tal-Wied, fejn insibu Triq it-Tabib Giuseppe Zammit u l-bini ta' ħdejn iċ-Ċimiterju, u l-inħawi tal-Linja: Vjal il-Bon Pastur, Vjal Sir Michelangelo Refalo, u Vjal De Paule. Aktar qrib lejna fis-snin 80 beda l-iżvilupp fl-inħawi ta' wara l-knisja, bi Triq Ġużè Bonnici u Triq Sir Antonio Micallef, u t-triqat l-oħra ta' dik l-akkwata.

[20] Fis-sena 1950 Ħal Balzan kellu popolazzjoni ta' 2637 ruħ, li telgħet għal 2734 fl-1957, 3301 (1965), 3354 (1975), 4781 (1985), u kważi ħamest elef ruħ (4938) fl-1994. Ara *The Malta Year Book*.

[21] Ara *Census of Malta, Gozo and Comino taken on 3 May 1871*, Malta: 1872. Ikkwotat minn *Ħal Balzan* Nru 57, Ottubru/Diċembru 1981, p. 3.

[22] Ara (Mons. Dun) Ġwann Dimech, *Ħal Balzan – Ġrajjietu sa l-1999*, Malta: Kunsill Lokali Balzan, 2004, pp. 156-157.

[23] Ara Lino Borg, "Id-Disinn tal-Faċċata tal-Knisja li Jintrama fil-Festa," *Każin tal-Banda San Gabriel – Ħal Balzan A.D. 1920 – Festa ta' Marija Annunzjata 2006*, p. 41.

[24] Guido Lanfranco, *L-Istorja tat-Trasport f'Malta*, Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1999, p. 70.

[25] Ara Bernard L. Rigby, *The Malta Railway*, The Oakwood Press, 1970, p. 24. Avviż interessanti dwar is-servizz tal-ferrovija, maħruġ mill-istazzjon tal-Belt Valletta nhar it-28 ta' Marzu 1894, bil-firma ta' L. Gatt, *Acting Manager* tal-*Malta Railway*, deher fil-ħarġa tas-Sibt, il-31 ta' Marzu 1894, tal-gazzetta *Il Risorgimento*, paġna 2. L-avviż jgħid li fir-raħal ta' Ħal Balzan hemm il-festa tal-Annunzjata, u għaldaqstant il-ferrovija se taħdem b'mod normali, bejn il-Belt u Ħal Balzan, u bejn Ħal Balzan u l-Imdina. Ara wkoll Guido Lanfranco, *L-Istorja tat-Trasport f'Malta*, *op.cit.*, pp. 101-120.

[26] Dawn iż-żewġ skejjel primarji baqgħu jintużaw sas-16 ta' Settembru 1974 meta nfetħet l-iskola primarja l-ġdida fi Triq Robert Mifsud Bonnici, Ħal Lija. Ara Ġwann Dimech, *op.cit.*, pp. 340-341. Għal aktar tagħrif, ara "L-Iskola Primarja tas-Subien il-Qadima," *Ħal Balzan* Nru 41, Mejju/Ġunju 1978, pp. 1, 4. Għalkemm l-artiklu ma jġibx isem min kitbu, jidhirli li l-awtur huwa Valentino Muscat, li bħala għalliem għamel għomru u żmienu jgħallem f'din l-iskola.

[27] *Blue Book* 1919/1920. Ikkwotat minn Guido Borg, "Ħal Balzan fl-1920," *Il-Każin tal-Banda San Gabriel – Balzan A.D. 1920 – Programm tal-Festa 1994*, p. 23.

[28] Ara Ġwann Dimech, *op.cit.*, pp. 398-399.

[29] 'Anton' (Anthony Fenech), "Niftakru fl-Imgħoddi," *Ħal Balzan* Nru 3, Jannar/Frar 1972, p. 4.

[30] Fil-kollezzjoni privata tiegħu l-awtur preżenti għandu santa tal-mewt ta' Spiridione Dimicoli, li miet nhar l-20 ta' Diċembru 1901, bil-kitba bit-Taljan, u stampata fit-*Tipografia* ta' 15, *Sda Reale*, Casal Balzan.

[31] Ara Ġwann Dimech, *op.cit.*, pp. 408-409.

[32] Arkivju Parrokkjali Balzan, *Libro* 75, *Status Animarum* 1899-1902, ikkwotat minn Ġwann Dimech, *op.cit.*, p. 409.

[33] Ara (Dun) Xand Cortis, *L-Evanġelju Mqaddes tal-Lunzjata*, Malta: 1895, p. 209.

[34] *Ibid.*, pp. 210-211. Fl-1890 il-Kappillan Dun Ġwann Sarreo organizza grupp ta' ħaddiema biex jonvjaw il-knisja. Kienu dawn il-ħaddiema li waqqfu ċ-*Circolo L'Annunziata* bil-għan li jieħdu ħsieb u jkabbru l-festa tal-Lunzjata. Ara Lino Borg, "Mal-Mixja taż-Żmien," *Każin tal-Banda San Gabriel – Ħal Balzan A.D. 1920 – Festa ta' Marija Annunzjata 2005*, p. 13. Iż-żgħażagħ li jissemmew kienu Valent Debono, Pio Ebejer, Valent Falzon, Pawlu Muscat, Valent Muscat, Carmelo Sammut, u Giuseppe Sammut. Ara "Tifkira ta' Għeluq il-100 Sena," *Is-Soċjetà Marija Annunzjata tiċċelebra f'Ħal Balzan iċ-Ċentinarju tas-Soċjetà u l-Festa ta' Marija Annunzjata 1990*, p. 11.

[35] Ara Xand Cortis, *L-Evanġelju Mqaddes tal-Lunzjata*, *op.cit.*, p. 206.

[36] *Ibid.*, p. 203.

[37] Ma' dawn il-profeti nsibu ż-żewġ persunaġġi nisa – Ester u Abigail – li jintramaw fuq iz-zuntier, xogħol l-istess statwarju. Dawn ħallas għalihom il-Konti Francesco Manduca. Ara "Statwi li jintramaw għall-Festa ta' Marija Annunzjata," *Każin tal-Banda San Gabriel – Ħal Balzan A.D. 1920 – Festa ta' Marija Annunzjata 2001*, p. 59. Fl-1902 il-Konti Manduca ħallas għall-induratura tal-gandlieri u l-appostli u d-dutturi li jintramaw fil-jiem tal-festa fuq l-artal maġġur. Dawn kienu ngħataw mit-Tabib Giov. Carlo Grech Delicata, professur tal-Istorja Naturali u l-Mediċina Legali fl-Università, fis-sena 1882. Ara *Malta*, 14 ta' April 1902, p. 2. Ikkwotat minn Anton Camilleri, "Siltiet mill-Istorja ta' Ħal Balzan," *Każin tal-Banda San Gabriel – Ħal Balzan A.D. 1920 – Festa ta' Marija Annunzjata 2008*, p. 133.

[38] L-istatwa ta' dan il-Papa, li fi żmienu tfakkar iċ-ċentinarju tal-Inkarnazzjoni tal-Iben t'Alla, saret bit-tħabrik ta' Edoardo Borg, li kien il-President taċ-*Circolo Maria Annunziata*. Ara "Mitt Sena mill-Istatwa tal-Papa Leone XIII – 1906-2006," *Każin tal-Banda San Gabriel – Ħal Balzan A.D. 1920 – Festa ta' Marija Annunzjata 2006*, p. 42. Ara wkoll "Tifkira ta' Għeluq il-100 Sena," *Is-Soċjetà Marija Annunzjata tiċċelebra f'Ħal Balzan iċ-Ċentinarju tas-Soċjetà u l-Festa ta' Marija Annunzjata 1990*, *op.cit.*, p. 15. Ħasra li din l-istatwa llum m'għadhiex tintrama.

[39] Ara Edward Attard, *Delitti f'Malta*, Malta: 2001, pp. 312-314. Din il-ġrajja jirrakkontaha wkoll Herbert Ganado f'*Rajt Malta Tinbidel*, L-Ewwel Ktieb, Malta: 1974, pp. 44-45.

[40] (Prof.) J.L. Pace, "Isqfijiet ta' Malta u Għawdex li għexu f'Ħal Balzan," *Ħal Balzan* Nru 25, Settembru/Ottubru 1975, p. 4.

[41] Ara Mark Montebello, *Dimech*, Malta: Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd, 2004, pp. 415-416. L-Isqof Pace kien skomunika 'l Manwel Dimech bl-ittra pastorali tat-23 ta' Ottubru 1911. Din l-iskomunika tneħħiet tlettax-il xahar wara b'ittra pastorali oħra tas-26 ta' Novembru 1912. *Ibid.*, *passim*.

[42] Ara Ġwann Dimech, *op.cit.*, pp. 238-243.

[43] *Tifkira tal-Kommemorazzjoni tal-Għeluq il-75 Sena mit-Twaqqif tas-Soċjetà 'Marija Annunzjata' f'Ħal Balzan*, Malta: Soċjetà Marija Annunzjata, Ħal Balzan, 1965, p. 7.

[44] Ara Pawlu Grima, "Soċjetà Filarmonika Marija Annunzjata", f'*L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex*, Vol. I, Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1997, p. 251.

[45] *The Daily Malta Chronicle*, 24 ta' Ottubru 1903, p. 2.

[46] Ara Carmel Bezzina, "F'Għeluq il-Mitt Sena mid-Diżgrazzja tan-Nar li ġrat f'Ħal Balzan fl-1903," *Każin tal-Banda San Gabriel, Festa ta' Marija Annunzjata 2003*, pp. 39-43.

[47] Guido Borg, "Każin tal-Banda San Gabriel", f'*L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex*, Vol. I, *op.cit.*, p. 261.

[48] Skont Silvio Cassar, l-imseħbin taċ-*Circolo Maria Annunziata* kienu miġbudin aktar lejn il-Partit Nazzjonalista filwaqt li l-parti l-kbira taż-żgħażagħ li ppromwovew it-twaqqif tal-każin il-ġdid kienu jappoġġjaw il-Partit Kostituzzjonali. Ara Silvio Cassar, *Il-Glorji tal-Imgħoddi … Garanzija għall-Ġejjieni*, Malta: Każin tal-Banda San Gabriel - Ħal Balzan A.D. 1920, 2010, p. 8.

[49] Guido Borg, "Każin tal-Banda San Gabriel", f'*L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex*, Vol. I, *op.cit.*, p. 262.